MISSION FUND

NO: 93 | NEWSPAPER POST | VO/0015

# IL-MISSJUNARJU



## IL-MILIED SKOMDU TA' ALLA

Ftit ta'snin ilu, meta kont qed nistudja barra minn Malta, kelli l-okkazjoni nżur Smithsonian Museum. Rajt ukoll il-kapsula li niżlet fuq il-qamar f'Lulju 1969, meta tlett irġiel wettqu l-itwal vjaġġ imbiegħed. L-għajnejn tad-dinja kollha, stennew, ħarsu fissi, ittamaw u talbu għalihom u għas-suċċess tal-missjoni. Kont għadni tifel ta`10 snin. Grazzi għat-T.V. stajna nsegwu kull sekonda! Rajt b'għajnejja l-kapsula, parti mir-roket li kien jikkonsisti 24 sular! Kienu niżlu f'parti mill-qamar magħruf *Sea of Tranquility*. Sabu dak li stennew: la ħajja u nixfa!

**EDITORJAL**

Sejrin niċċelebraw f'dawn il-granet, il-grajja ta' Inkarnazzjoni: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta`lil Ibnu l-Waħdieni... "Il-misteru ċentrali, aktar importanti mill-vjaġġ għall-qamar. "L-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna". Ma twelidx f'pajjiż li seta' jissejjaħ *sea of tranquility*, imma mifni bil-ġlied u gwerrer. Il-Milied skomdu t'Alla. L-għanja tal-Milied tesprimi x' nixtieq ngħid: fuq tiben f'maxtura, fost bhejjem ġo għar, imgeżwra fi bċejjeċ ta' ħrieqi wisq fqar.

Il-Milied hija festa ta' ċelebrazzjoni ta' ferħ mhux minħabba l- affarijiet materjali: ir-rigali, dwal, presepju, parties, imma għax "Tweldilna Salvatur". Salvatur li jbiddel il-qagħda mwiegħra tagħna nfusna; ineħħi s-sens tal-biża' li tipparalizzana, toħnoqna, iddalmilna moħħna u qalbna; jeħlisna mid-dnub u l-konsegwenzi tiegħu. U jferraħna mill-ġdid.

Għaddew mhux 39 sena, imma aktar minn 2000 sena u lkoll nitħaddtu fuq din il-ġrajja. Għalkemm ġie fostna tarbija fraġli, imma ġabilna rigali bla qies. Ġie bi programm ċar daqs il-kristal, u mħabbar mill-anġli: Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art. Ġie jgħallimna li aħna mhux trab, imma ulied ta' l-istess Missier.

Aħna nappartjenu lil xulxin, mhux għax qed ngħixu fl-istess pjaneta, imma għaliex għandna l-istess Missier. FiH għandna l-aqwa prova ta' l-imħabba ta' Alla, maħlubin minn Alla, li hemm bżonn ngħixu din iċ-ċertezza ta' l-imħabba bejnietna u nesprimuha wkoll b'mod possibli, speċjalment billi nuru solidarjeta mal-foqra taż-żmienna f'Malta u fl-artijiet tal-missjoni

'Fejn sejjer ħabib? F'dan il-Milied ħallini nitwieled fil-qalb tiegħek'. Hekk kien hemm imħażżeż fuq billboard kbir, bħal dan iż-żmien sena, mhux 'il bogħod mill-kunvent li qed ngħix fih. Il-Milied jistedinna nkomplu nagħmlu mill-aħjar li nistgħu, billi nħarsu 'l quddiem b'fiduċja, tama, kuraġġ, ottimiżmu: "Nistennew it-tama ħienja u d-dehra tas-sebħ tal-Kbir Alla u s-Salvatur tagħna Ġesu' Kristu". Dan hu l-ispirtu tal-Milied Nisrani, Milied ta' ferħ, ta' hena li jimla' l-qalb, u jibqa' s-sena kollha. Milied li jżommna dejjem bit-tbissima, bil-ferħ u l-paċi f'qalbna, fil-familja u madwarna. Awguri.

Fr. Marcellino Micallef, OFM - Direttur Spiritwali

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018
Opening Hours: Mon-Fri: 9am – 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24-hr Answering Machine Service

Website: www.missionfund.org.mt
E-mail: missionfund@global.net.mt

**ATTIVITA` TAL-MILIED**

Ser isir: DINNER DANCE b'risq il-Mission Fund

Post: Paradise Bay Hotel, Mellieħa

Meta: Is-Sibt 13 ta' Diċembru, 2008

Ħin: Mit-20.00 il-quddiem

Prezz: il-Kbar €15.25 u t-tfal taħt it-12 il-sena € 8.00

Mużika: takkompanjana l-Kantanta Claudia Faniello

# MENU:

Tortellini with Smoked Ham with wild Mushroom cream sauce

********




Cream of Roast Pumpkin and Chestnut soup

********

1) Braised Beef with Olives and sundried tomatoes
Or
2) Roast Turkey with traditional stuffing and Cranberry Sauce
Or
3) Fillet of Denci Meuniere

Plus Vegetables and Potatoes in Season

********

Black Forrest Gateaux
Coffee

*Ejjew u ġibu lill-ħbieb u lill-qraba tagħkom. Aħsbu kmieni għax il-postijiet huma limitati. Ibbukkjaw fuq tel: 21413664 ( mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 ) jew 21575351 / 99885078 sal-1 ta' Diċembru, 2008.*

****************************************************************************************

*Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lil maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni, għalhekk inħeġġukhom biex tagħmlu rigal b'donazzjoni u b'hekk tixgħelu l-qlub ta' tant imsejknin.*

-------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** --------------------------------------------------

*Jiena* ____________________________________________

*li noqgħod* ______________________________________________________________________________

______________________________________________________*Post Code:*______________________

*qed nibgħat €* _______ *permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-Mission Fund.*

-------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** --------------------------------------------------

Il-Kumitat u l-membri tal-**MISSION FUND** jawguraw lill-benefatturi tagħhom,



MILIED ĦIENI U SENA MIMLIJA BARKA U PAĊI FIL-MULEJ.

GRAZZI ħafna ta' l-għajnuna li tagħtuna matul is-sena 2008.
Il-Kumitat